**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 526/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Roderick Gerada**
**(ID 33779(M))**

**Illum: 28 ta' Ottubru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Roderick Gerada** ta' 30 sena, imwieled il-Pieta` fis-7 ta' Jannar 1979, iben Alfred u Rita nee` Schieda, residenti 'Eudor', Triq is-Serkin, Marsa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 33779(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Ottubru 2009 u fis-seba' xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-

Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Ottubru 2009 u fil-ħames xhur ta' qabel:

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Ottubru 2009 u fiż-żminijiet ta' qabel:

c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U fl-aħħarnett talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Ottubru 2009 u fix-xahrejn ta' qabel:

d) Mingħajr awtorita` legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli xtra jew irċieva mingħand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu, biljetti tal-flus ta' valuta EURO, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk fil-waqt tal-proċedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta, u jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50(3) tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap. 101) sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat in oltre illi fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2009, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qegħda tirtira l-imputazzjoni (d) miġjuba kontra l-imputat[1];

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju 2012, id-difiża ssollevat l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*[2], kif ukoll illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2013, id-difiża reġgħet issollevat din l-istess eċċezzjoni, li sa dakinhar kienet għadha ma ġietx deċiża[3];

Rat id-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Mejju 2014, li permezz tagħha ċaħdet din l-eċċezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

[1] Ara a fol. 14 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 97 tal-process.
[3] Ara a fol. 118 tal-process.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta[4];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni:

1. **Oriana Deguara**, **Deputat Reġistratur**, li ppreżentat il-proċess verbal li ġie redatt dwar dan il-każ[5];

2. **Dr. Martin Bajada** maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ, sabiex joħroġ il-kontenut ta' żewġ ċellulari ossia ċellulari tal-marka NOKIA mudell 1200 u SIM *card* tas-soċjeta` Vodafone Malta u ċellulari ieħor tal-marka NOKIA mudell 1202 u SIM *card* tas-soċjeta` Mobisle Communications Ltd., elevati mill-pulizija nhar is-7 ta' Ottubru 2009[6];

3. **L-Ispettur Victor Aquilina** xehed illi fis-7 ta' Ottubru 2009, huwa ta struzzjonijiet sabiex jiġu esegwiti żewġ mandati ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat; wieħed ġewwa r-residenza tiegħu 'Eudor', Triq is-Serkin, Marsa u ieħor ġewwa r-residenza tal-kunjati tal-imputat, fl-indirizz 'Sandy Lee', Flat 2, Triq is-Serkin, Marsa. Fil-waqt illi t-tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat irriżultat fin-negattiv, matul it-tfittxija ġewwa r-residenza tal-kunjati, instabet landa kulur blu li fiha kien hemm ammont ta' flus (li dwarhom kien hemm proċeduri separati) u madwar mitt gramma ta' sustanza kannella suspettata eroina. L-Uffiċjal Prosekutur ikompli jgħid illi fuq il-post ġew arrestati l-erba' persuni li kienu preżenti u lkoll itteħditilhom stqarrija, b'dan illi l-imputat odjern baqa' miżmum għal investigazzjoni ulterjuri. L-istess imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar is-7 ta' Ottubru 2009, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi[7];

4. **WPS 12 Andrea Grech** tgħid illi kienet xhud tal-istqarrija tal-imputat[8];

---

[4] Ara a fol. 118 tal-proċess.

[5] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 17 tal-proċess.

[6] Ara x-xhieda tal-imsemmi espert, a fol. 18 u 19 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu esebita bħala Dok. MB, a fol. 20 tal-proċess.

[7] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 30 sa 32 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina tinsab a fol. 27 sa 29 tal-proċess.

[8] A fol. 33 u 34 tal-proċess.

5. **PS 1174 Adrian Sciberras** jixhed illi fis-7 ta' Ottubru 2009, huma waqqfu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF 442 misjuqa mill-imputat. Riekba fl-istess vettura kien hemm ukoll Fiona Gerada, mart l-imputat u oħtha Marion Darmanin. Tfittxija ġewwa l-vettura rriżultat fin-negattiv. Sussegwentement, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-istess imputat, saret tfittxija kemm ġewwa r-residenza tiegħu, kif ukoll ġewwa r-residenza ta' omm martu. Ix-xhud jgħid illi waqt tfittxija f'din l-aħħar residenza ġewwa Triq is-Serkin, Marsa rriżulta illi fuq il-gwardarobba fil-kamra tas-sodda ta' Doris Darmanin, instabet landa tal-gallettini illi ġo fiha kien hemm diversi affarijiet, fosthom tliet boroż mimlijin bi trab kannella suspettat eroina, miżien, *credit card* bl-isem ta' Roderick Gerada u ammont ta' flus kontanti x'aktarx foloz. Skont ix-xhud, din it-tfittxija saret fil-presenza ta' Marion u Doris Darmanin[9];

6. **PS 1372 Alan Cutajar** xehed illi wara ħin ta' osservazzjoni, għall-ħabta ta-10.30 a.m., l-imputat ġie nterċettat f'vettura bajda tal-marka Toyota Corolla, bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF 442 u ġie mwaqqaf. Miegħu kien hemm ukoll riekba bħala passiġġieri, Fiona Gerada u Marion Darmanin. Ix-xhud jgħid illi minn hemmhekk, hu u membri oħrajn tal-Iskwadra marru, flimkien ma' Darmanin, ġewwa r-residenza 'Sandy Lee', Flat 2, Triq is-Serkin, Marsa, fejn kien hemm ukoll Doris Darmanin. Waqt tfittxija f'din ir-residenza, fil-kamra tas-sodda nstabet landa blu li fiha kien hemm pakketti tal-plastik bi trab kannella suspettat eroina, żewġt imwieżen elettroniċi, sikkina bi traċċi kannella, *credit card* f'isem Roderick Gerada, li fuqha wkoll kien hemm traċċi, u borża trasparenti li fiha kien hemm is-somma ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€3,300) fi flus kontanti, suspettati foloz. Sussegwentement saret ukoll tfittxija ġewwa l-vettura ta' Marion Darmanin, li rriżultat fin-negattiv. Minn hemmhekk, dawk preżenti ġew ilkoll arrestati u meħuda ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjonijiet ulterjuri[10];

7. **WPC 237 Antonella Vella** tixhed illi fis-7 ta' Ottubru 2009, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, waqqfu vettura tal-għamla Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF 442. Ħdejn l-istess vettura kien hemm l-imputat odjern, fil-waqt illi fil-vettura kien hemm mart l-imputat u oħtha. Flimkien ma' PS 1174 u PC 1372 u ma' Marion Darmanin, oħt il-mara tal-imputat, ix-xhud marret fid-dar tal-kunjata tal-imputat, fejn kien hemm Doris Darmanin (il-kunjata tiegħu) u hemmhekk, waqt tfittxija, fuq il-gwardarobba fil-kamra tas-sodda, PS 1174 sab basket li fih kien hemm landa tal-gallettini. Fl-istess landa kien hemm tlett boroż bit-trab kannella,

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 37 u 38 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 39 u 40 tal-proċess.

*card* tal-bank HSBC f'isem Roderick Gerada, sikkina b'xi traċċi, miżien, boroż tal-plastik u xi karti, kif ukoll borża oħra bi flus kontanti x'aktarx foloz. Minn ġol-gwardarobba, ix-xhud elevat ukoll roll tal-*foil*[11];

8. Mir-relazzjoni esebita mill-**Ispiżjar Mario Mifsud**, maħtur fl-inkjesta dwar il-każ odjern, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analizi tiegħu:

   i) Borża tal-plastik trasparenti bin-numru B2743453 li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Description 3 boroz tal-plastic kontenenti sustanza lewn kannella min gewwa landa blu, Where Seized/Produced fuq sodda tal-main bedroom, Flat 2 Sandey Lee, Triq is-Serkin, Marsa, Seized/Produced by PC 1253, Laboratory Ref: 09 201". F'din il-borża kien hemm tlett boroż tal-plastik trasparenti, li fi tnejn minnhom kien hemm trab ta' lewn kannella. Fil-borża l-oħra kien hemm borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm trab ta' lewn kannella. Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 224/10/01;

   ii) Borża tal-plastik trasparenti bin-numru B2743450 li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Description *credit card* HSBC – mizien digitali u sikkina bil-manku kannella, Where Seized/Produced landa blu fuq sodda tal-main, Sandey Lee, FLT 2, Triq is-Serkin, Marsa, Seized/Produced by PC 1253, Laboratory Ref: 09 202". F'din il-borża kien hemm *credit card* tal-HSBC bl-isem ta' Roderick Gerada b'sustanza ta' lewn kannella fuqha, mizien elettroniku tal-marka "Kenex" li kien jaħdem u sikkina tal-metall b'manku tal-plastik ta' lewn kannella. Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 224/10/02;

   Dwar dawn id-dokumenti, l-espert ikkonkluda s-segwenti:

   a) Illi nstabu traċċi tas-sustanza Herojina fuq il-miżien elettroniku u s-sikkina li kien hemm fid-dokument 224/10/02;

   b) Illi fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fit-tlett boroż tal-plastik fid-dokument 224/10/01, u s-sustanza kannella li kien hemm fuq il-*credit card* fid-dokument 224/10/02, f'ammont nett totali ta' <u>182.1 grammi</u>, instabet fihom is-sustanza <u>Herojina</u>. Il-purita` medja tat-trab u s-sustanza kannella li kien hemm fiż-żewġ dokumenti għas-sustanza Herojina kienet ta' ċirka 32.2%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata

[11] Ara din ix-xhieda a fol. 41 u 42 tal-proċess.

bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar is-sustanza fid-dokument bin-numru 224/10/01, l-espert indika wkoll illi din kienet maqsuma fi tlett boroż separati b'piż rispettiv ta' 98.3 grammi, 32.2 grammi u 51.3 grammi. Fuq il-*credit card* instabet sustanza fil-piż ta' 0.3 grammi[12];

9. **PS 198 Arthur Debattista** maħtur bħala *Scene of the Crime Officer* fl-inkjesta dwar il-każ, esebixxa r-relazzjoni tiegħu, flimkien mar-ritratti li fihom jidhru l-fond in kwistjoni, il-kamra tas-sodda li fiha nstabet id-droga u l-oġġetti relatati mal-istess, kif ukoll l-oġġetti elevati minn din il-kamra[13];

10. **PC 1253 Frederick Brincat** maħtur fl-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer* flimkien ma' PS 198 Arthur Debattista, esebixxa r-relazzjoni tiegħu, mil-liema jirriżulta illi mill-fond ġewwa Triq is-Serkin, Marsa, huwa eleva s-segwenti oġġetti u ċioe` kwantita` ta' trab kannella ippakjat f'boroż tal-plastik trasparenti, *credit card* tal-HSBC bi traċċi ta' materjal ta' lewn kannella, miżien diġitali lewn il-fidda u sikkina bix-xafra *stainless steel* u bil-manku kannella[14], kif ukoll kwantita` ta' boroż tal-plastik u basket tal-karti elevat minn ġewwa landa li kien hemm fuq is-sodda tal-*main bedroom* tal-fond. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi fuq il-post, ġewwa l-istess landa, instab ammont ta' flus EURO li rriżultaw li kienu foloz[15].

Illi da parti tagħha, <u>id-difiża</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia** esebiet *Social Inquiry Report*, redatt minnha fil-konfront tal-imputat odjern fuq talba tad-difiża. Mill-istess rapport jirriżulta *inter alia* li l-imputat beda jabbuża mid-droga eroina u kokaina meta kellu madwar erbatax jew ħmistax-il sena u waqaf fl-eta` ta' sittax-il sena, meta beda joħroġ ma' tfajla illi llum hija martu. Illum huwa għandu tlett itfal. Wara ż-żwieġ kien hemm okkażjonijiet fejn l-imputat abbuża mill-eroina u mill-kokaina, iżda meta nbdew il-proċeduri odjerni fil-konfront tiegħu, huwa ma baqax jagħmel użu mid-droga. Huwa sostna illi ilu ma jabbuża mill-eroina madwar sitt snin, iżda ma eskludiex illi kien hemm okkażjonijiet, mhux frekwenti, li fihom abbuża mill-kokaina. Kien biss meta nbdew dawn il-proċeduri, illi huwa fittex kura

---

[12] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 46 sa 67 tal-proċess.

[13] Ara x-xhieda ta' PS 198 Arthur Debattista a fol. 68 u 69 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu esebita bħala Dok. AD, a fol. 70 sa 75 tal-proċess. Ir-ritratti jinsabu esebiti a fol. 75 tal-proċess.

[14] Skont l-istess relazzjoni, dawn l-oġġetti ġew mgħoddija lill-Ispiżjar Mario Mifsud għall-analizi tiegħu.

[15] Ara x-xhieda ta' PC 1253 Frederick Brincat a fol. 76 sa 78 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu esebita bħala Dok. FB, a fol. 79 sa 82 tal-proċess. L-oġġetti msemmija jidhru fir-ritratti esebiti a fol. 75 tal-proċess.

kontra d-droga u dan billi mar għand it-tabib tiegħu, li ppreskrivielu l-pilloli *Suboxone* sabiex jikkontrolla l-abbuż. Għalkemm l-imputat insista illi kien wieqaf għal kollox mill-użu tad-droga, żewġ kampjuni tal-urina li ttieħdu fil-11 ta' Mejju 2015 u fil-15 ta' Mejju 2015 rispettivament irriżultaw fil-pożittiv għas-sustanza kokaina u għalhekk l-Uffiċjal tal-*Probation* issuġġeriet lill-imputat sabiex jagħmel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa.

Skont l-istess Uffiċjal tal-*Probation,* kien jeħtieġ illi l-imputat ikun f'kuntatt ma' xi aġenzija li tgħin fir-rijabilitazzjoni tad-droga, sabiex jiġi megħjun biex iżomm il-bogħod mill-abbuż tal-istess. Kien hemm ukoll bżonn li l-imputat juri motivazzjoni u impenn sabiex ikollu mpjieg regolarizzat biex ikun jista' jgħix ħajja stabbli.

Fix-xhieda tagħha tat-18 ta' Mejju 2015, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* tgħid illi qabel is-seduta ta' dakinhar, saru żewġ tentattivi sabiex l-imputat iħalli żewġ kampjuni tal-urina, iżda ma rnexxielux jagħti kampjun.[16]

2. Illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2015, id-difiża vverbalizzat illi stante li fil-waqt li fl-"*istqarrija tal-imputat, kemm fid-domandi u kif ukoll fir-risposti, kif ukoll ir-rapport li ghamel lill-Magistrat tal-Inkjesta l-Ispettur Investigatur jirreferu dejjem ghal 'madwar 100 gramma eroina', meta l-Ispizjar Mario Mifsud xehed u pprezenta r-rapport tieghu, jghid li kien hemm 182.1 grams…id-difiza titlob li d-droga in kwistjoni wara li jsiru l-verifiki necessarji li hija l-istess droga li nstabet u li ghaliha hemm referenza fil-proces verbal kif ukoll fir-relazzjoni hija l-istess … terga' tintizen*".[17] Għaldaqstant, din il-Qorti ħatret lix-**Xjenzat Godwin Sammut** sabiex jerġa' jiżen is-sustanza in kwistjoni. Mir-relazzjoni tiegħu, jirriżulta illi din kienet f'piż ta' <u>181.55 grammi</u>, liema piż huwa qrib ħafna ta' dak indikat mill-Ispiżjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat odjern irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-7 ta' Ottubru 2009 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

---

[16] Ara x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maryrose Farrugia, a fol. 146 sa 148 tal-proċess u s-*Social Inquiry Report* redatt minnha li jinsab esebit a fol. 148A tal-proċess.
[17] Ara a fol. 149 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju 2012, ġie vverbalizzat illi "*Il-partijiet jaqblu li l-istqarrija tal-imputat ttiehdet fl-2009 u ghalhekk fi zmien meta ma kienx hemm il-possibilta ta' ghajnuna legali qabel l-interrogatorju u ghalhekk id-difiza titlob li din l-istqarrija tigi skartata skont l-insenjament tad-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali*".[18]

Għal darb'oħra fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2016, id-difiża rreferiet għall-fatt illi l-imputat irrilaxxja stqarrija qabel l-10 ta' Frar 2010, meta ma kienx għalhekk ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u sostniet illi din il-Qorti għandha tiskarta din l-istqarrija u kull referenza li ssir għaliha.[19]

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-

[18] Ara a fol. 97 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 153 tal-proċess.

Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti

Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> "(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
>
> (a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
>
> (b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol

importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet <u>**Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**</u>, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ <u>**ta' Beuze v. Belgium**</u>, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> "10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Huwa evidenti wkoll, illi bħal fil-każ ta' **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, fuq ċitat, f'dan il-każ in-nuqqas li l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll kwalunkwe referenza li saret mill-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Victor Aquilina għal din l-istqarrija, fix-xhieda tiegħu. Il-Qorti qed tasal ukoll għal din il-konklużjoni b'mod partikolari, għaliex fil-każ odjern, tnejn mill-imputazzjonijiet li bihom jinsab mixli l-imputat, jistrieħu għal kollox fuq din l-istqarrija, li f'dan

is-sens għalhekk hija tassew determinanti sabiex tinstab ħtija fl-imputat dwar dawn l-istess imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina, kif ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-7 ta' Ottubru 2009, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, l-imputat ġie mwaqqaf fil-vettura bil-marka ta' reġistrazzjoni IBF 442 jew ħdejn l-istess vettura, fil-waqt illi fil-vettura kien hemm ukoll martu Fiona Gerada u oħtha Marion Darmanin. Tfittxijiet f'din il-vettura u fir-residenza tal-imputat odjern, kif ukoll fil-vettura ta' Marion Darmanin, irriżultaw fin-negattiv. Madankollu, waqt tfittxija fil-fond residenzjali ta' Doris Darmanin, ossia l-kunjata tal-imputat odjern, fuq il-gwardarobba fil-kamra tas-sodda prinċipali, ġewwa landa tal-gallettini, li kienet f'basket tad-drapp, instab ammont sostanzjali ta' droga eroina fi tliet boroż tal-plastik, kif ukoll oġġetti oħrajn relatati mad-droga ossia diversi boroż tal-plastik ġodda, miżien elettroniku li kien jaħdem u anke sikkina. Kemm fuq is-sikkina, kif ukoll fuq il-miżien instabu traċċi tad-droga eroina. In oltre fl-istess landa, kien hemm ukoll *card* maħruġa mill-bank HSBC bl-isem ta' Roderick Gerada, kif ukoll ammont ta' flus kontanti suspettati foloz.

Illi fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tissottometti illi la darba skartata l-istqarrija tal-imputat odjern, ma tirriżultax prova, fil-grad rikjest mil-liġi, illi torbot id-droga u l-oġġetti kollha elevati mir-residenza tas-Sinjuri Darmanin, ossia l-ġenituri ta' mart l-imputat, mal-istess imputat u għaldaqstant, tkompli d-difiża, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-pussess ta' dik id-droga hekk misjuba.

Il-Qorti tqis illi huwa minnu illi kif tgħid id-difiża, la fil-vettura li fiha jew ħdejha kien qiegħed l-imputat flimkien ma' martu u oħtha, ma nstabet droga jew oġġetti oħrajn relatati mad-droga u lanqas instabet droga fir-residenza tal-istess imputat. Madankollu, m'hemmx dubju mill-provi ċirkostanzjali kollha li ġew prodotti, liema provi, fil-fehma tal-Qorti, huma univoċi u jippuntaw biss f'direzzjoni waħda, illi d-droga in kwistjoni u l-oġġetti kollha li kienu fil-landa mal-istess droga, kienu fil-pussess tal-imputat odjern.

Illi f'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Qorti qed tqis illi fil-landa in kwistjoni nstabet *card* maħruġa mill-bank HSBC f'isem Roderick Gerada. Huwa minnu dak li tgħid id-difiża, illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda waqt ma tellgħet bħala xhud, rappreżentant tal-bank HSBC sabiex jikkonferma illi din il-*card* bankarja kienet proprju f'isem l-imputat odjern jew illi din kienet tintuża minnu, jew xi prova

oħra li turi li Roderick Gerada indikat fuq din il-*card* bankarja kien l-imputat odjern. Biss tenut kont tal-fatt illi din il-*card* instabet fuq gwardarobba, fil-kamra tas-sodda tal-kunjati tal-imputat – li jismu Roderick Gerada – il-Qorti ssibha diffiċli temmen u iżjed minn hekk, m'għandha l-ebda raġuni għalfejn temmen illi dan Roderick Gerada ma kienx proprju l-istess imputat.

Imbagħad il-Qorti tqis fit-tieni lok, illi fil-kawża odjerna, sabiex issostni l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata minnha, id-difiża straħet fuq il-fatt illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-8 ta' Marzu 2010[20], l-imputat diġa` kien ġie ġudikat, skont l-istess difiża, fuq l-istess fatti li għalihom jirreferu l-proċeduri odjerni. Jirriżulta minn din is-sentenza illi l-imputat kien ġie akkużat talli <u>nhar is-7 ta' Ottubru 2009 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data</u>, huwa *inter alia* kellu fil-pussess tiegħu biljetti tal-flus ta' valuta EURO, meta kien jaf li dawn kienu falsifikati. Jirriżulta in oltre mill-istess sentenza, illi f'dak il-każ, il-Qorti "*Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat*" u illi "*Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament*"[21] u fuq l-istess ammissjoni, għaddiet sabiex issib lill-imputat odjern ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija sospiża.

Dwar dan, fit-trattazzjoni tagħha, id-difiża ssostni illi l-Qorti m'għandhiex tieħu in konsiderazzjoni din is-sentenza bħala prova ta' xi fatt f'dan il-każ, stante illi fl-ewwel lok, tali sentenza nġabet bħala prova biss għal fini tal-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata minnha, u fit-tieni lok, stante illi fi kwalunkwe każ, m'hemm l-ebda prova li turi li l-flus li għalihom kienet qegħda tirreferi dik is-sentenza, huma l-flus li nstabu fil-każ odjern.

Il-Qorti tqis din il-parti tas-sottomissjonijiet tad-difiża bħala għal kollox frivola. Wara kollox, kienet id-difiża stess li ttentat tinqeda b'din is-sentenza proprju sabiex turi illi l-imputat diġa` kien ġie ġudikat fuq dawk li hija sejjħitilhom 'l-istess fatti'[22], la darba huwa diġa` kien tressaq il-Qorti in konnessjoni mal-pussess ta' biljetti ta' flus falsifikati. Is-sottomissjoni tad-difiża in konnessjoni mal-eċċezzjoni sollevata minnha, għalkemm miċħuda minn din il-Qorti, kienet propjru illi s-sejba tal-flus kontanti u s-sejba tad-droga u l-oġġetti kollha l-oħra li ġew elevati mill-istess post, kienu jikkostitwixxu l-istess fatti, li dwarhom l-imputat diġa` kien ġie ġudikat permezz ta' sentenza tal-Qorti. Apparti li huwa evidenti anke mill-istess sentenza esebita illi dak il-każ kien jirreferi proprju għas-sejba tal-flus fil-każ odjern, tant illi l-imputazzjoni tirreferi għas-7 ta' Ottubru 2009 u ċioe` id-data li fiha saret it-tfittxija mertu ta' dan il-każ, ma jagħmilx sens illi wara li straħet hija stess fuq l-istess sentenza sabiex issostni illi din kienet

---

[20] Din is-sentenza tinsab esebita a fol. 114 sa 116 tal-proċess.
[21] Ara a fol. 115 tal-proċess.
[22] Ara l-verbal a fol. 97 tal-proċess.

tirreferi għall-istess fatt, id-difiża issa tgħid illi m'hemmx prova li turi illi dik is-sentenza tirreferi għall-istess flus li nstabu fil-każ odjern.

Il-Qorti għalhekk qegħda tqis ukoll illi f'dawk il-proċeduri, l-imputat stess ammetta illi kellu fil-pussess tiegħu flus kontanti, li huwa kien jaf li kienu falsifikati – flus dawn li kif ingħad, instabu fuq gwardarobba fir-residenza tal-kunjati tiegħu, fl-istess basket u fl-istess landa li fiha nstabet id-droga u l-bqija tal-oġġetti relatati mad-droga.

Illi da parti tagħha, id-difiża ssostni wkoll illi anke jekk il-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-flus li nstabu fil-landa in kwistjoni kienu fil-pussess ta' jew kienu jappartjenu lill-imputat odjern, dan ma jfissirx madankollu illi l-oġġetti l-oħrajn misjuba mal-istess flus, kienu wkoll fil-pussess tal-istess imputat jew kienu tiegħu. Dwar dan, il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu illi d-droga u l-oġġetti in kwistjoni ma nstabux fir-residenza tal-imputat, biss dawn instabu fir-residenza tal-kunjati tiegħu – residenza allura li ma kinitx injota jew estraneja għalih – u in oltre l-oġġetti nkluż id-droga, il-miżien u l-boroż tal-plastik u l-*card* tal-bank f'isem l-imputat, instabu proprju fl-istess landa u fl-istess basket li fiha nstabu l-flus iffalsifikati u għalhekk anke f'dan ir-rigward, il-Qorti lanqas m'għandha għalfejn taħseb illi fil-waqt illi l-flus kienu tal-imputat, id-droga ma kinitx tiegħu jew illi ma kinitx fil-pussess tiegħu.

Imbagħad, fit-tielet lok, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll il-messaġġi misjuba fuq il-*mobile phone* li minnu kien jagħmel użu l-imputat. Hawnhekk irid jingħad illi għalkemm ma jirriżultax ċar mill-atti fejn instabu dawn iċ-ċellulari – u hawn irid jingħad illi għalkemm fir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada, hemm *tag* li tindika li ċ-ċellulari ġie jew ġew elevati minn "*fuq il-persuna ta' Roderick Gerada*" minn PS 1086, l-istess PS 1086 baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għalhekk baqa' ma kkonfermax dan – biss mill-kontenut tal-messaġġi, uħud minnhom indirizzati lil 'Rodrick' jew lil 'Ro' jew inkella lil 'rod', u oħrajn lil 'Fiona' jew lil 'Fion', il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi dawn il-messaġġi kienu indirizzati lill-imputat odjern u lil martu Fiona u li għalhekk dawn iċ-ċellulari kienu jagħmlu użu minnhom huma. Hekk per eżempju, fuq iċ-ċellulari mmarkat Dok. MB1, messaġġ fl-*inbox* datat 6 ta' Ottubru 2009 jaqra hekk: "*Ro hemm ok.ghada ncempilek u nkelmek*", messaġġ ieħor datat 13 ta' Settembru 2009 jaqra hekk: "*Rodrick*", ieħor datat 3 ta' Settembru 2009: "*Fiona fakru biex ic cempel lil dak ta poppu ta hi...*", u messaġġ ieħor datat 24 ta' Awwissu 2009 jaqra hekk: "*Bhalisa qijad xot..Jek ntik 5 tirangali xi haga ro..Jkoli ntik 15. Xtahseb?*". L-istess tosserva l-Qorti dwar iċ-ċellulari mmarkat bħala Dok. MB2. Hekk per eżempju, messaġġ fl-*inbox* datat 5 ta' Ottubru 2009 jaqra hekk: "*Aw ro isa ncempilek jin ta' ax qied dar ....*", ieħor datat 24 ta' Settembru 2009 jgħid hekk: "*Ro mhux hazin qali.imma ta l-iehor ahjar*", messaġġ ieħor datat 12 ta' Settembru 2009: "*Fadalek ro*?", ieħor datat 9 ta' Settembru 2009 jgħid hekk: "*Fion ajt lil*

*rod biex il lejla xi 6 niltaqaw...*" u ieħor datat ukoll 9 ta' Settembru 2009: "*Thanku int ragel ta' vera qal kem indum fdin id dinja jinbqa nafulek rod emini*".

Il-Qorti jidhrilha illi meta wieħed iqis l-assjem tal-provi kkunsidrati minnha iżjed 'il fuq, kif ukoll illi l-piż tat-trab kontenenti d-droga eroina misjub fil-landa in kwistjoni kien wieħed sinjifikanti ossia piż ta' ċirka 182 gramma – piż dan li fih inniffsu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, diġa` jikkostitwixxi prova ċara ta' pussess għal fini ta' spaċċ – u illi fl-istess landa kien hemm ukoll miżien diġitali u numru ta' boroż tal-plastik ġodda, ukoll komunement użati għal fini ta' spaċċ ta' droga, il-kontenut ta' wħud mill-messaġġi huwa ferm indikattiv li dawn huma konnessi mad-droga. Hekk per eżempju, fiċ-ċellulari Dok. MB1, il-messaġġ datat 24 ta' Awwissu 2009 min-numru 99491747 jaqra hekk: "*Bhalisa qijad xot..Jek ntik 5 tirangali xi haga ro..Jkoli ntik 15.Xtahseb*?" u messaġġ ieħor fiċ-ċellulari Dok. MB2 datat 24 ta' Settembru 2009 min-numru 99103554 li jgħid hekk: "*Jien adtelk hekk biex itini naqra ax dalodu ma andi xejn flus. Aktar tard ija ikolli".* Dan apparti numru ta' messaġġi mill-istess numru 79341190 fi ġranet u ħinijiet diversi: fis-6 ta' Settembru 2009 fis-18:39: "*Da xha jamel sihbi gej ax ajejt nistenih*" u fl-istess jum fis-18:47: "*Jin sejer sihbi ax qd jitnejek bija andikum ma gara xejn al darbohra thank u ta*"; fl-10 ta' Settembru fil-10:53: "*Aw qjd jin nistenik*"; fit-12 ta' Settembru 2009 f'00.00: "*Andi lcashlink and ommi u mhx qda id dar u ilejla jigu amili pjacir tafni lijli king*"; fil-15 ta' Settembru 2009 fl-16:10 min-numru differenti 79231078: "*Aw king lmartell jin nistaw niltaqaw pls?*" u fl-16:21 mill-istess numru: "*Qd nistenih ta aw is soltu*"; fil-25 ta' Settembru 2009 f'11:51 min-numru 79341190: "*Aw king lmartell jin nista niltaqaw is soltu*" u fl-istess jum f'12:07: "*Batlek msg ax blacard king*"; l-għada fis-26 ta' Settembru 2009 fis-14:57: "*Aw dudu nistaw niltaqaw wegibni ax bla crdt king*"; u fit-28 ta' Settembru fl-10:04: "*Inti fadalek ax qd nistenik is soltu*". Hemm ukoll messaġġi oħrajn simili min-numri differenti.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun*

*bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 1997, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

Illi applikati dawn il-prinċipji għal każ odjern, tenut kont tal-provi miġjuba fl-atti proċesswali kif ikkunsidrati minnha iżjed 'l fuq, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi fil-waqt illi ġie sodisfaċentement ippruvat illi d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess tal-imputat odjern, dan il-pussess kien wieħed aggravat ossia intiż għall-ispaċċ. Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-ammont tad-droga misjub kien wieħed sinjifikanti u ċertament li mhuwiex ammont li wieħed normalment jassoċjah ma' użu esklussiv da parti tal-pussessur. F'dan il-każ, imbagħad, għalkemm mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat, jirriżulta illi huwa kien għamel xi żmien jagħmel użu mill-eroina, ma jidhirx illi dan kien xi użu tant regolari jew illi kien jiġġustifika pussess tad-droga f'tali ammonti. In oltre il-miżien, l-ammont ta' boroż misjuba u anke l-messaġġi fuq iċ-ċellulari li minnu kien jagħmel użu l-imputat ukoll ikomplu jikkorroboraw il-konklużjoni tal-Qorti, illi d-droga in kwistjoni ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda sabiex din tiġi spaċċjata.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (b) li tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina, ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Illi madankollu, la darba l-istqarrija tal-imputat ġiet skartata, il-Qorti ma tqisx illi l-provi prodotti huma suffiċjenti sabiex issib ħtija fl-imputat, fil-grad rikjest milliġi, dwar l-imputazzjoni (a). Għalkemm il-messaġġi kontenuti fiċ-ċellulari tal-imputat, fil-fehma tal-Qorti, jikkorroboraw il-konklużjoni tagħha dwar l-imputazzjoni (b) u dan fl-assjem kollu tal-provi prodotti, biss waħedhom il-Qorti ma tqisx illi dawn jistgħu jipprovdu prova suffiċjenti tal-elementi tar-reat ta' traffikar tad-droga.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Finalment permezz tal-imputazzjoni (ċ), l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina. La darba l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ġiet skartata, u la darba wkoll ma nstabet l-ebda kokaina fil-pussess tal-imputat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għal fini ta' piena dwar l-imputazzjoni (b), il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Diċembru 2018, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati, fosthom diversi reati kontravenzjonali, reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'iżjed minn okkażjoni waħda, pussess ta' biljetti ta' flus iffalsifikati, ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali f'iżjed minn okkażjoni waħda u ħsara volontarja. L-aħħar reati li dwarhom instab ħati l-imputat jirreferu għas-sena 2010 u għalhekk ma jidhirx li minn dakinhar huwa reġa' xellef diffrejh mal-ġustizzja.

Tqis ukoll mill-banda l-oħra, in-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha qed jinstab ħati l-imputat, kif ukoll l-ammont ta' droga mertu tal-każ, li kif ingħad, huwa ammont sinjifikanti.

Tqis in oltre il-kontenut tas-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-istess imputat.

In oltre għal fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2009 u illi għalkemm kien hemm seduti li fihom l-imputat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat, kif ukoll seduti li fihom intalab differiment mid-difiża, id-dewmien fil-proċeduri ma kienx imputabbli għal kollox lill-istess imputat jew lid-difiża.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **Roderick Gerada** mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah għall-piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija effettiva u multa ta' tliet elef u ħames mitt ewro (€3,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Stante li din ġiet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (d) u t-talba tal-Prosekuzzjoni konnessa mal-istess imputazzjoni dwar il-konsenja tal-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud ammontanti għas-somma ta' erba' mija, ħamsa u għoxrin ewro u ħamsa u sittin ċentezmu (€425.65), l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 198 Arthur Debattista bħala *Scene of the Crime Officer* ammontanti għas-somma ta' mija, ħamsa u għoxrin ewro u seba' ċenteżmi (€125.07), l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 1253 Frederick Brincat ammontanti għas-somma ta' tlieta u ħamsin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€53.59), kif ukoll l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' tlett mija, tlieta u ħamsin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€353.34). In oltre qed tikkundanna wkoll lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, fuq talba tad-difiża, fis-somma ta' disgħa u ħamsin ewro (€59.00). B'kollox dawn l-ispejjeż jammontaw għas-somma ta' elf u sittax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,016.65) u għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska taċ-ċellulari mmarkati bħala Dok. MB1 u MB2[23] favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u tal-oġġetti kollha relatati mad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li

[23] Ara r-relazzjoni tal-espert Martin Bajada, a fol. 20 tal-proċess.

għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat